

Početna stranica&gt;Zakonodavstvo i sudska praksa&gt;Nacionalna sudska praksa

Każistika nazżjonali

Poljska

Ġurisprudenza disponibbli fuq sit elettroniku

Preżentazzjoni tad-deċiżjonijiet / Titoli

	Qrati Supremi	Qrati oħrajn
Ġurisprudenza ppreżentata bit-titoli	Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny) Qorti Suprema Amministrattiva (Naczelny Sąd Administracyjny) Qorti Suprema (Sąd Najwyższy) (is-sentenzi ta' erba' awli) : Awla tad-Dritt Kriminali, Awla tad-Dritt Ċivili, Awla tad-Dritt tax-Xogħol, tas-Sigurtà Soċjali u tal-Affarijiet Pubbliċi Awla Militari	Le

Eżempju ta' titolu/i

Tribunal Kostituzzjonali – Għotja tal-Komunità fl-attivitajiet ta' skola tat-trabi mhux pubblika.

	Spjegazzjoni
Id-deċiżjoni tal-2008-12-18, numru K 19/07	Tip ta' deċiżjoni (sentenza/deċiżjoni/...), data u numru ta' riferenza tal-fajl tal-każ.
Għotja tal-Komunità fl-attivitajiet ta' skola tat-trabi mhux pubblika.	Titolu
Z.U. 2008 / 10A / 182	Pubblikat fil-kollezzjoni uffiċjali tal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Kostituzzjonali, maħruġa mill-Uffiċċju tat-Tribunal
Dz. U. 2008.235.1618 ta' 2008-12-30	Pubblikat fl-ġurnal uffiċjali
	Links għas-sentenza f'formati MS WORD u PDF

Qorti Amministrattiva Suprema

	2009-04-07 Is-sentenza hija irrevokabbli
Data tal-irċevuta	2007-09-10
Isem tal-qorti	Qorti Amministrattiva Suprema (Naczelny Sąd Administracyjny)
Ismijiet tal-imħallfin	Janusz Zubrzycki Marek Kołaczek Tomasz Kolanowski
Simbolu b'deskrizzjoni:	6110 VAT
Kliem prinċipali:	Proċedura ta' taxxa VAT
Każijiet oħrajn relatati:	<a href="#">  SAlu 454/05 - Wyrok WSA w Lublinie z 2007-05-09</a> <a href="#">  FZ 201/06 - Postanowienie NSA z 2006-07-17</a>
Kontra:	Direttur tal-Kamra Fiskali
Kontenut	Is-sentenza appellata ġiet imħassra, u l-każ għe ttrasferit lill-qorti amministrattiva tad-distrett għall-eżaminazzjoni mill-ġdid
Referenza għal-liġi:	<a href="#">Dz.U. 2005 nr 8 poz 60</a> art. 70 par. 1, art. 108 par. 2 pkt 2 lit a, art. 116 par. 1, art. 118 par. 1, art. 127, art. 151, art. 152, art. 187, art. 188, art. 191 Att tad-29 ta' Awissu 1997 dwar il-proċedura tat-taxxa (ustawa z dnia 29 sierpnia 1997 r. Ordynacja podatkowa) <a href="#">Dz.U. 2002 nr 153 poz 1270</a> art. 141 par. 4, art. 145 par. 1 pkt 1 lit. a, art. 151 Att tat-30 ta' Awissu 2002 dwar il-proċedura tal-qrati amministrattivi (ustawa z dnia 30 sierpnia 2002 r. Prawo o postępowaniu przed sądami administracyjnymi) <a href="#">Dz.U. 1934 nr 93 poz 836</a> art. 1, art. 2, art. 4, art. 20. Regolament tal-President tar-Repubblika tal-Polonja tal-24 ta' Ottubru 1934 dwar il-għamla ta' proċediment (rozporządzenie Prezydenta Rzeczypospolitej z dnia 24 października 1934 r. Prawo o postępowaniu układowem). Proċediment tal-Liġi dwar l-Irkupru tal-Kumpaniji

Formati

Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny) – DOC, PDF

Qorti Amministrattiva Suprema (Naczelny Sąd Administracyjny) – HTML

Qorti Suprema (Sąd Najwyższy) – PDF

Qorti Amministrattiva Suprema – HTML

## Proċedimenti ulterjuri

	Qrati Supremi	Qrati oħrajn
– Hemm informazzjoni disponibbli dwar l-appell?	Iva, minn tribunal kostituzzjonali. Is-sentenzi kollha tal-qorti suprema huma riżultat ta' appell.	Dejta mhux disponibbli
– Il-każ għadu pendent?	Iva, fit-tribunal kostituzzjonali. L-appell quddiem il-Qorti Suprema jsir skont il-kontenut tas-sentenza.	Dejta mhux disponibbli
– Ir-riżultat tal-appelli?	Iva	Dejta mhux disponibbli
– Id-deċiżjoni hija irrevokabbli?	Iva, fit-tribunal kostituzzjonali Iva, fejn il-każ tressaq quddiem il-Qorti Amministrattiva Suprema Issir deċiżjoni skont il-kontenut tas-sentenza.	Dejta mhux disponibbli
Kien hemm proċedimenti qabel quddiem qorti interna oħra: – Qorti kostituzzjonali? – Qorti esterna: – Qorti tal-Ġustizzja Ewropea? – Qorti tad-Drittijiet Umani?	Le	Dejta mhux disponibbli

Hemm qrati amministrattivi provinċjali (l-ewwel istanza) kif ukoll il-Qorti Amministrattiva Suprema (tieni istanza) li għalihom is-sentenzi huma disponibbli fuq is-sit elettroniku. Hemm ukoll link bejn is-sentenzi rilevanti.

### Regoli tal-pubblikazzjoni

Hemm regoli vinkolanti għall-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza fil-Polonja. Japplikaw għal dawn:

It-Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny), li għalih tiġi ppubblikata l-ġurisprudenza sħiħa

Il-Qorti Amministrattiva Suprema (Naczelny Sąd Administracyjny), li għaliha tiġi ppubblikata l-ġurisprudenza sħiħa

Il-Qorti Suprema (Sąd Najwyższy), li għaliha tiġi ppubblikata biss għażla mill-ġurisprudenza,

Ir-responsabbiltajiet tal-pubblikazzjoni tal-**Qorti Suprema (Sąd Najwyższy)** huma stabbiliti fl-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Qorti Suprema (23 ta' Novembru 2002) (ustawa z dnia 23 listopada 2002 r. o Sądzie Najwyższym). Skont il-**ktieb ta' istruzzjonijiet tal-Qorti Suprema**, il-korrispondent tal-istampa u l-assistenti tal-imħallef huma inkarigati mis-servizz tal-pubblikazzjoni.

Il-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza tat-**Tribunal Kostituzzjonali (Trybunał Konstytucyjny)** hija prevista fl-Artikolu 190 tal-Kostituzzjoni Pollakka.

Verżjoni sħiħa ta' sentenza tiġi ppubblikata fuq is-sit elettroniku malli l-imħallfin ikunu ffirmaw il-ġustifikazzjoni

L-Artikolu 42 tal-Att dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Amministrattivi (Prawo o ustroju sądów administracyjnych) jimponi wkoll l-obbligu tal-pubblikazzjoni fuq il-

**President tal-Qorti Amministrattiva Suprema Prezes (Naczelnego Sądu Administracyjnego)**. Regoli aktar dettaljati huma speċifikati mill-Ordinanza tal-President tal-Qorti Amministrattiva Suprema, li jipprovdi għall-istabbiliment ta' bażi tad-dejta ċentrali ta' sentenzi u ta' informazzjoni dwar każijiet tal-qorti amministrattiva, u dwar l-ġhoti ta' aċċess għal dawn is-sentenzi fuq is-sit elettroniku.

L-aħħar aġġornament: 10/12/2012

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.